MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 35/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Balzan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b' diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b' risoluzzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Gunju, 2011 u Lulju, 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil jghati lil Jacqueline Balzan u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Jannar, 2012 fejn wara li

rat l-Artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lil appellant hati u kkundannatu gimghatejn detenzjoni

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehilsu minn kull imputazzjoni u piena sabeix b'hekk issir gustizzja skond il-ligi, u alternattivament li din il-Qorti ma takkoljiex l-aggravji timmodifika u tvarja l-istess inkwantu ghal piena stante li din fic-cirkostanzi hija eccessiva.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-esponenti kien dizokkupat ghal dan il-perjodu u ghalhekk gustifikament kien f' impossibilita illi jaghmel tajjeb ghall-obbligu ta' manteniment imposta fuqu.

Illi b' konsegwenza tad-disimpjieg tieghu, l-esponent talab lill-Qorti tal-Familja fl-atti tas-separazzjoni personali tieghu minn ma martu Jacqueline Balzan sabiex hija tirriforma d-digriet pendente lite billi tiehu inkonsiderazjoni t-tibdil tal-qaghda ta' l-espoenenti liema talba ghadha mhux determinata.

Illi sussidjarjament u bla pregudizju, certament il-piena fil-kaz ta' l-esponenti ma kienitx dik idonea peress illi dan ser jkompli jaggravalu l-qaghda tieghu u martu ser tkompli taghmel pressjoni fuqu b' detriment kemm ghalih innifsu kif ukoll ghall-interessi supremi ta' l-ulied minuri, u dana partikolarment issa li sab impjieg u qieghed ihallas ammont ragonevoli ta' manteniment fix-xahar.

Illi l-piena ta' detenzjoni jekk ser tigi effettwata ser tippregudika serjament l-impjieg ta' l-imputat b' riskju serju li huwa jitlef l-istess impjieg.

Illi fic-cirkostanza m'hemm ebda dubbju li ttelfien t' impjieg ta' l-imputat ser jippregudika mhux biss lilu imma wkoll l-interess suprem ta' uliedu stante li f'kaz ta' telfien ta' dak l-impjieg l-imputat ghal darb' ohra mhux ser jkun jista` jhallas l-ebda forma ta' manteniment.

Illi filwaqt li huwa rikonoxxut li l-Qrati taghna ghandhom jassiguraw li l-obbligu tal-hlas tal-manteniment jigi osservat bl-aktar mod shih, is-sanzjoni kriminali u l-effetti kollha taghha inkluza l-piena tad-detenzjoni ghandhom jigu applikati b'kawtela u f'dawk il-kazijiet fejn l-akkuzat ikun qieghed jonqos minn dak l-obbligu xejn hlief ghal pika u b'disprezz lejn l-awtorita` tal-Qrati taghna.

Illi fil-kwadru tal-fatti tal-kaz odjern, jekk ghandu jissusisti r-reat li l-imputat huwa akkuzat bih, dan in-nuqqas bi zgur mhux qieghed isir minhabba xi pika imma genwinament biss ghax ma kellux il-mezzi, u dan kif jirrizulta mill-fatt li malli l-imputat sab mpjieg huwa rega beda jhallas l-ammont ragonevoli ta' manteniment.

Ikkunsidrat,

Bejn l-appellant u l-parti civili Jacqueline Balzan ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni. F'dawn il-proceduri l-parti leza giet moghtija manteniment fis-somma ta' € 653 kull xahar ghall-erbat itfal li ghandhom.

Il-parti civili xehdet illi bejn April 2010 u Novembru 2011 ma rrceviet xejn, ghad illi llum l-appellant jahdem mad-ditta Valhmor Borg Company. Recentement, pero` hallas l-ammont ta' €400 illi skond l-appellant kellhom ikopru l-perjodu bejn Jannar u Mejju 2012.

Minn naha l-ohra l-appellant xehed li recentement huwa hallas l-ammont ta' €1200 ghall-arretrati u ma giex moghti ircevuta. Qal ukoll li kien ghamel rikors quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex jigi varjat il-manteniment dovut lill-mara u lit-tfal pero` dana ma giex milhuq.

Ikkunsidrat :

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi ghal perjodu indikat fic-citazzjoni kien dizokkupat u ghalhekk kien fl-impossibilita` li jaghmel tajjeb ghall-obbligu ta' manteniment imposta fuqu.

Bir-rispett dina mhijiex skuza. Dejjem gie ribadit mill-Qrati taghna illi anki jekk persuna tisfa bla xoghol dan ma jiskuzajiex mill-obbligu taghha illi twettaq id-digrieti tal-Qorti Civili.

Hekk qalet il-kawza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Anthony Saliba » tal-15 ta' Lulju 1998 *« ......jekk persuna ma tkunx tista` thallas il-manteniment ordnat anki f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzajiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex dina wara li tiehu konjizzjoni tal-provi tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista` jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa` marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet. »* (Ara wkoll Pulizija vs Alfred Camilleri 18 ta' Settembru 2002).

L-appellant jammetti illi huwa adixxa lill-Qorti kompetenti biex ivarja d-digriet ta' manteniment izda din it-talba giet michuda u kwindi d-digriet originali ghadu vigenti u l-appellant kien obbligat illi jhallas skont id-digriet dak li huwa dovut lill-martu u lill-uliedu.

Jidher illi l-appellant huwa « habitual offender » f'dan ir-rigward peress illi skont martu kull meta jhallas il-manteniment dejjem ihallas bin-nieqes, b'tali mod illi martu, l-parti civili, ikollha kull darba tadixxi lill-Qorti biex tiehu dak illi huwa dovut lilha bi dritt.

L-appellant jidher illi qed iwebbes rasu u anki issa quddiem il-Qorti tal-Appell ma ghamel l-ebda attentat sabiex jissalda dak illi huwa dovut lill-parti civili.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi tkun fil-fatt. (Ara « Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14 ta' Gunju, 1999 u ohrajn).

Is-sentenza tal-Ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------